**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Marzu, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Joseph Azzopardi, detenur tal-karta tal-identità bin-numru 566457(M)**

***Kumpilazzjoni Nru: 1100/2011***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Azzopardi talli:

Talli bejn Mejju 2000 u Jannar 2004 f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċità tiegħu personali kif ukoll bħala direttur tas-soċjetà Flowerland and Nursery Company Ltd, approprija ruħu, billi bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew kkunsinjata lilu taħt titlolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioè ma ħallassx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €60,141.20 ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Lulju, 2016[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2016, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk jixtieq jerga lura minnha.

[1] Fol.249

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fis-snin bejn 2000-2004, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-23 ta' Frar, 2016.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat u l-fedina penali tieghu li turi li l-imputat abitwalment kiser l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Illi t-trapass ta' aktar minn sittax il-sena, jekk jigi kkunsidrat il-bidu ta' meta beda jitwettaq ir-reat tal-approprijazzjoni indebita addebitat lill-imputat ghandu wkoll jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena li trid tigi imposta. Tenut kont inter alia ta' dawn il-fatturi, din il-Qorti hi tal-fehma li llum il-gurnata, fejn jidher li l-imputat qed jaghmel hiltu sabiex jirrifondi lil Erarju l-flejjes approprijati minnu illecitament, piena karcerarja ma hijex aktar idoneja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(a)[2] tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas is-somma ta' €60,141.20c lil Kummissarju tat-Taxxi u dana fi zmien hames snin ratejalment bl-ewwel pagament jsir dovut f' April, 2017.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[2] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn tlettax il-xahar u seba snin.